C/2025/330

13.1.2025

**Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea**

(C/2025/330)

Skont l-Artikolu 9(1), il-punt (a), tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1], in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea [2] huma emendati kif ġej:

*fil-paġna 374, fin-nota ta' spjegazzjoni tal-Kapitolu 87, "**Vetturi ħlief rolling-stock ta' linji ferrovjarji jew tat-tramm, u parts u aċċessorji tagħhom**", "**Ġenerali**" il-punti 1 u 2*

*huma sostitwiti b'dan li ġej:*

"1. Tul il-Kapitolu 87 kollu tan-Nomenklatura Magħquda, 'vetturi ġodda' tfisser:

(a) vetturi li ma jkunux ġew irreġistrati b'mod permanenti għal aktar minn 6 xhur, irrispettivament min-numru ta' km li jkunu ġew misjuqa, jew

(b) vetturi li ma jkunux ġew misjuqa aktar minn 6 000 kilometru, irrispettivament miż-żmien meta jkunu ġew irreġistrati b'mod permanenti.

Ir-reġistrazzjoni temporanja tal-vetturi għall-finijiet tat-trasport lejn il-post fejn se jkunu se jiġu rreġistrati b'mod permanenti ma titqiesx bħala reġistrazzjoni permanenti.

2. Tul il-Kapitolu 87 kollu tan-Nomenklatura Magħquda, 'vetturi użati' tfisser vetturi li ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' vetturi 'ġodda' skont il-punt 1.".

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj).

[2] ĠU C 119, 29.3.2019, p. 1.